REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 473/2008

tad-29 ta' Mejju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-aġġustament tal-kodiċi NM għal ċerti sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu u taħlitiet li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fin-Nomenklatura Magħquda għall-2007, stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [2], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007 [3], il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda (kodiċi-NM) għal ċerti sustanzi u prodotti ġew emendati.

(2) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000, rigward is-sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu u taħlitiet li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu, jirreferi għal uħud mill-kodiċi-NM li ġew emendati bir-Regolament (KE) Nru 1214/2007. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Anness jiġi aġġustat. Meta jitqies l-għadd ta' bidliet li jridu jsiru, huwa xieraq għal raġunijiet ta' ċarezza li l-Anness jinbidel fl-initier tiegħu.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Minħabba li r-Regolament (KE) Nru 1214/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.

(5) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/540/KE (ĠU L 198, 31.07.2007, p. 35).
[2] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 9).
[3] ĠU L 286, 31.10.2007, p. 1.

ANNESS

"ANNESS IV

Gruppi, kodiċi tan-nomenklatura magħquda (*) u deskrizzjonijiet għas-sustanzi msemmija fl-annessi I u III

Grupp	Kodiċi NM	Deskrizzjoni
Grupp I	2903 41 00	Triklorofluworometan
	2903 42 00	Diklorofluworometan
	2903 43 00	Triklorotrifluworoetani
	2903 44 10	Diklorotetrafluworoetani
	2903 44 90	Kloropentafluworoetan
Grupp II	2903 45 10	Klorotrifluworometan
	2903 45 15	Pentaklorofluworoetan
	2903 45 20	Tetraklorodifluworoetani
	2903 45 25	Eptaklorofluworopropani
	2903 45 30	Eksaklorodifluworopropani
	2903 45 35	Pentaklorotrifluworopropani
	2903 45 40	Tetraklorotetrafluworopropani
	2903 45 45	Trikloropentafluworopropani
	2903 45 50	Dikloroheksafluworopropani
	2903 45 55	Kloroeptafluworopropani
Grupp III	2903 46 10	Bromoklorodifluworometan
	2903 46 20	Bromotrifluworometan
	2903 46 90	Dibromotetrafluworoetani
Grupp IV	2903 14 00	Tetraklorur karboniku
Grupp V	2903 19 10	1,1,1-Trikloroetan (metilkloroform)
Grupp VI	2903 39 11	Bromometan (metil bromur)
Grupp VII	2903 49 30	Idrobromofluworometani, -etani jew -propani
Grupp VIII	2903 49 11	Klorodifluworometan (HCFC-22)
	2903 49 15	1,1-Dikloro-1-fluworoetan (HCFC-141b)
	2903 49 19	Idroklorofluworometani oħrajn, -etani jew -propani (HCFCs)
Grupp IX	ex 2903 49 80	Bromoklorometan
Taħlitiet	3824 71 00	Taħlitiet li fihom klorofluworokarboni (CFCs), kemm jekk fihom idroklorofluworokarboni (HCFCs), perfluworokarboni (PFCs) jew idrofluworokarboni u kemm jekk le
	3824 72 00	Taħlitiet li fihom bromoklorodifluworometan, bromotrifluworometan jew dibromo-tetrafluworoetani
	3824 73 00	Taħlitiet li fihom bromoklorodifluworometan, bromotrifluworometan jew dibromo-tetrafluworoetani
	3824 74 00	Taħlitiet li fihom idroklorofluworokarboni (HCFCs), kemm jekk fihom perfluworokarboni (PFCs) jew idrofluworokarboni u kemm jekk le, iżda li ma fihomx klorofluworokarboni (CFCs)
	3824 75 00	Taħlitiet li fihom tetraklorur karboniku
	3824 76 00	Taħlitiet li fihom 1,1,1-trikloroetan (metil kloroform)
	3824 77 00	Taħlitiet li fihom bromometan (metil bromur) jew bromoklorometan

(*) "Ex" quddiem kodiċi timplika li sustanzi oħrajn minbarra dawk imsemmija fil-kolonna "Deskrizzjoni" jistgħu wkoll jaqgħu taħt dik is-subintestatura. "